# Qorti tal-Appell Kriminali

Onor. Imhallef Giovanni M Grixti LL.M., LL.D

Appell Nru. 328/2016

**Il-Pulizija**

**vs**

**Jonathan Attard**

Illum 4 ta' Novembru, 2019

**Il-Qorti;**

Rat l-imputazzjoni dedotta kontra l-appellant, Jonathan Attard, detentur tal-karta tal-identita' Maltija bin-numru 423584M quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali talli bejn il-12 ta' Mejju, 2015 u l-10 ta' Awwissu, 2015 gewwa l-Gzejjer Maltin b'diversi atti maghmulin minnu, ukoll jekk fi zminijiet differenti, kiser l-istess disposizzjoni tal-ligi u gew maghmula b'risoluzzjoni wahda, dawn l-atti jitqiesu bhala reat wiehed imsejjah reat kontinwat, naqas li jaghti lil Raisa Micallef, is-somma, ffisata minn dik il-Qorti jew stipulata fil-kuntratt bhala manteniment ghal uliedek fi zmien hmistax-il jum minn dak il-jum li fih, skond l-ordni jew dak il-kuntratt kellha tithallas is-somma;

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali, tat-13 ta' Gunju, 2016 li biha sabet lill-imputat hati tal-imputazzjoni migjuba kontra tieghu u kkundannatu xahrejn (2) prigunerija;

Rat ir-rikors tal-appellant, pprezentat fir-registru ta' din il-Qorti fil-21 ta' Gunju, 2016, lil bih talab lil din il-Qorti **tikkonferma** s-sentenza appellata kwantu sabet lill-appellanti hati u **tirrevoka** l-piena inflitta u **minflok** tinfliggi piena iktar idonea u inqas harxa li tirrispekkja l-kaz in ezami;

Rat l-aggravji tal-appellant;

Rat l-atti u d-dokumenti kollha.

Rat il-fedina penali aggornata tal-appellant esebita mill-prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti;

Ikkunsidrat:

1. Illi dan huwa appell dwar il-piena erogata mill-ewwel Qorti bil-gravami singolari li dik il-piena "hija wahda esagerata tenut kont il-fatt li l-appellant ma riedx li jahrab mill-obbligi tieghu imma kienet biss kwistjoni li sa dakinhar tas-sentenza appellata kien ghadu mhuwiex f'posizzjoni li jhallas il-manteniment imsemmi;

2. L-appellant jallega li kien sab ruhu f'diffikultajiet finanzjarji u li n-negozju tieghu ma rnexxiex tant li spicca rinfaccjat b'diversi spejjez u ghalhekk ma setax ihallas dak il-manteniment minnu dovut. Huwa ccita diversi sentenzi ta' din il-Qorti li fihom kien hemm temperament fil-piena erogata mill-ewwel Qorti;

3. Ezaminati l-atti processwali jirrizulta illi dan il-kaz kellu l-inizzju tieghu f'Jannar tas-sena 2016 dwar allegat nuqqas ta' hlas ta' manteniment dovut ghax-xhur bejn Mejju u Awwissu, 2018. Wara xi differimenti, l-ewwel Qorti prolatat is-sentenza taghha fit-13 ta' Gunju 2016. Quddiem din il-Qorti, l-appellant kien talab u inghata diversi differimenti bl-iskop li jissalda l-obbligu tieghu. Minkejja dan, u wara li baqa' inadempjenti, huwa ghamel zmien mhux traccabbli u ghalhekk dan l-appell kien qed ikun differit minn seduta ghall-ohra sakemm jerga jkun notifikat bid-data tas-sentenza. Llum il-gurnata, l-appellant ghadu ma hallasx dak il-manteniment iffissat mill-Qorti Civili (Sezzjoni Familja) ghall-ghixien tal-wild tieghu u dan dwar ammont li jmur lura sas sena 2015;

4. Illi din il-Qorti, jidrilha li l-imputat ma gharafx jiehu l-opportunita' tal-eccezzjoni li ghamlet b'differiment wara l-iehor biex jissalda dan l-obbligu. Ma jirrizultax li l-imputat hu afflitt b'xi kundizzjoni li tinibieh milli jahdem bi qligh u ghalhekk ma tistax din il-Qorti tifhem kif minn dak iz-zmien sal-lum ghadu ma hallasx imqar somma akkont tal-ammont dovut. Inghad kemm il-darba minn dawn il-Qrati illi l-paraguni huma odjuzi u ghalhekk muhiex il-kaz li din il-Qorti toqghod tqabbel kaz ma' iehor biex tara ghaliex il-piena f'kawza kienet temprata jew le. Kullkaz ghandu jkun deciz fuq il-mertu tieghu u fil-kaz odjern, dak li l-imputat esprima bhala gravam, igifieri li ma hallasx ghaliex ma kienx f'qaghda finanzjarja jaghmel dan dakinhar tas-sentenza tal-ewwel Qorti ma jistax ma jitqiesx li hija raguni fierha da parti tieghu, llum aktar minn erba' snin minn meta kien dovut il-hlas ta' dan il-manteniment;

5. Din il-Qorti ghalhekk ma tara ebda raguni ghaliex ghandha b'xi mod tiddisturba d-diskrezzjoni ezercitata mill-ewwel Qorti fl-erogazzjoni tal-piena. Inoltre, ma hemm l-ebda lok ghal

temperament tal-piena naxxenti min dewmien fid-determinazzjoni ta' dan l-appell stante li dak id-dewmien kien dovut unikament ghall-imputat li, seduta wara l'ohra, wieghed li ser jissalda l-obbligu tieghu;

6. Ghal dawn ir-ragunijiet, l-appell qed ikun michud.